**STQARRIJA PARLAMENTARI MAGĦMULA MILL-PRIM MINISTRU L-ONOR. ROBERT ABELA DWAR L-EŻITU TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL EWOPEW LI SARET BEJN IL-ĠIMGĦA, 17 U IT-TIETA, 21 TA' LULJU 2020**

Sur President,

Nixtieq nirraporta lil din il-kamra dwar l-eżitu tas-Summit li sar fi Brussell bejn il-Mexxejja Ewropej li tlaqqa' bejn il-Ġimgħa, 17 u t-Tlieta, 21 ta' Lulju, u li l-konklużjonijiet tiegħu qed jitpoġġew fuq il-Mejda tal-Kamra.

Din il-laqgħa kienet dedikata esklussivament sabiex bħala Kunsill Ewropew nilħqu ftehim dwar il-baġit tal-UE għas-seba' snin li ġejjin u l-istrument ta' rkupru fuq il-baġit multiannwali.

Infakkar li wara madwar sentejn mill-ewwel proposti tal-Kummissjoni Ewropea, il-Kunsill Ewropew ma rnexxilux jilħaq ftehim fi Frar ta' din is-sena.

Fl-isfond ta' dan u l-kriżi tal-COVID-19, il-Kummissjoni Ewropea ħarġet, fis-27 ta' Mejju 2020, proposta riveduta għal fond ta' rkupru u l-baġit fit-tul tal-Unjoni għall-2021-2027, magħruf bħala Multiannual Financial Framework (jew MFF fil-qosor).

Din il-proposta riveduta ġiet diskussa f'*videoconferences* bejn il-Kapijiet tal-Istat jew tal-Gvern tal-Unjoni Ewropea, fosthom dik ta' nhar il-Ġimgħa 19 ta' Ġunju. Il-mexxejja użaw din l-ewwel opportunità biex jiddiskutu u jiċċaraw flimkien il-pożizzjonijiet tagħhom dwar il-proposti l-ġodda tal-Kummissjoni Ewropea.

Bħala parti mill-preparazzjonijiet għal-laqgħa speċjali tal-Kunsill Ewropew, jien kelli wkoll laqgħat bilaterali mal-President tal-Kunsill Charles Michel.

Il-Ġimgħa tal-ġimgħa l-oħra, is-Summit beda bl-iskambju tradizzjonali mal-President tal-Parlament Ewropew, David Sassoli, segwit minn serje ta' sessjonijiet ta' ħidma u waqfiet ta' riflessjoni u negozjati. Kmieni filgħodu, ilbieraħ, ġew fi tmiemhom id-diskussjonijiet. Dan ifisser li n-negozjati matul dan l-aħħar Kunsill Speċjali damu għaddejin ħamest ijiem. It-tieni l-itwal fl-istorja tal-Unjoni.

Dawn in-negozjati wasslu biex il-Gvern kiseb allokazzjoni ta' fondi għal Malta u Għawdex – l-akbar li qatt kellna. Allokazzjoni li taqbeż sew iż-żewġ biljun ewro, bl-ammont ta' fondi għall-gżejjer Maltin ilaħħaq is-somma ta' aktar minn żewġ biljun ewro – €2.25 biljun. Din is-somma hi madwar aktar minn biljun ewro aktar minn dik li ġiet negozjata fi Frar tal-2013, jiġifieri aktar mid-doppju tal-allokazzjoni li kellha Malta fil-perjodu 2014-2020 li issa wasal biex jintemm.

Fil-fatt din is-somma tinqasam fi tnejn:

- €1,923 miljun fil-baġit tradizzjonali – l-MFF fil-qosor. Din is-somma hi madwar tmien mitt miljun ewro aktar minn dak li Malta ħadet fi Frar 2013.

- Barra minn dawn il-fondi, Malta kisbet ukoll €327 miljun fil-fond tar-reżiljenza u rkupru. Dan is-suċċess ksibnieh billi għamilna argumenti sodi u ma qtajniex qalbna.

Ġibna mhux allokazzjoni speċjali waħda għal Malta, iżda sitta, u l-parti kbira tagħhom fil-qasam tal-koeżjoni.

Dan il-pakkett hu aktar sinifikanti meta wieħed iqis il-fatt li l-Unjoni tilfet it-tieni l-akbar kontributur lejn il-baġit Ewropew. Qed nirreferi hawn għar-Renju Unit li t-tluq tiegħu mill-UE se jwassal għal telf ta' madwar 75 biljun ewro mill-baġit tal-Unjoni Ewropea.

Apparti minn hekk, importanti wkoll li niftakru li pajjiżna għamel avvanzi ekonomiċi kbar u għandu fost l-aktar rati ta' qgħad baxxi.

Kif jaf kulħadd fl-Unjoni Ewropea mhux biss tirċievi iżda tħallas ukoll. Il-kont ma tistax tinnegozjah għax dak marbut mal-livell ta' żvilupp tal-Istati Membri.

Madanakollu, meta wieħed iqis l-ammont ta' fondi allokati, il-bilanċ li jibqagħlna f'idejna baqa' ferm pożittiv – anke meta wieħed jeskludi l-istrument ta' rkupru.

Għalhekk dan hu pakkett ġust u xieraq għal Malta. Fondi li permezz tagħhom se nkunu nistgħu:

1. inkomplu nsaħħu l-investimenti f'proġetti kapitali f'pajjiżna, speċjalment permezz tal-fondi ta' keożjoni;
2. ninvestu fil-politika tal-agrikoltura tagħna, speċjalment fl-iżvilupp rurali;
3. se ngħinu lis-settur tas-sajd u l-industrija tal-akwakultura;
4. ħa nkomplu nħeġġu l-istudenti, iż-żgħażagħ u r-riċekaturi tagħna biex ikollhom aktar opportunitajiet; opportunitajiet li jieħdu edukazzjoni u taħriġ, kemm f'Malta u anke lil hinn minn xtutna;
5. se nżidu n-nefqa fi programmi ambjentali, kif ukoll f'inizjattivi biex intejbu l-livell t'għajxien tagħna permezz ta' proġetti li jgħinuna nilħqu l-miri tagħna tat-tibdil fil-klima;
6. se nagħtu aktar għajnuniet soċjali permezz tal-fond soċjali Ewropew;
7. se nżidu l-infiq f'investimenti diġitali u innovattivi;
8. se nkunu nistghu ninvestu fis-sigurtà ta' pajjiżna; u
9. se nkomplu nirrealizzaw il-potenzjal ta' Għawdex.

L-impenn tal-Gvern hu li jkun hemm ammont ta' fondi akbar minn dak attwali li jmur lejn investimenti f'Għawdex. F'dan l-istadju l-gvern ħa deċiżjoni politika li se nirriżervaw mill-inqas 10% tal-allokazzjoni mill-fondi ta' koeżjoni u l-fondi tal-agrikoltura għal Għawdex.

Barra l-fondi li semmejt, hemm ukoll il-fondi li ġew negozjati fl-istrument ta' rkupru. Dan l-istrument ġie negozjat flimkien mal-baġit tradizzjonali tal-Unjoni Ewropea, minħabba l-impatt soċjo-ekonomiku li ħalliet il-pandemija globali COVID-19. Dan hu strument *ad hoc* minħabba ċ-ċirkostanzi mhux normali li ninsabu fihom u biex nassiguraw li l-ekonomija tal-UE tirkupra u ssir aktar b'saħħitha biex nevitaw kriżi ekonomika oħra.

Dan l-istrument ser jinqasam fi tnejn:

- fondi f'forma ta' għotjiet lill-Membri Stati. Minn dawn Malta se tieħu €327 miljun ewro; u
- hemm ukoll possibilità ta' għajnuna permezz ta' self. L-ammonti ta' self li nistgħu nieħdu mhux qed ninkludihom fit-totali. Sa issa, il-Gvern għadu qed jesplora jekk hemmx għalfejn jiġi użat dan is-self.

Permezz ta' dan l-istrument, il-Gvern se jkun jista' jkompli jinvesti aktar fl-ekonomija ta' pajjiżna. Investimenti fil-qasam diġitali, fit-tħaddir tal-ekonomija, kif ukoll biex it-tkabbir ikun aktar sostennibbli.

Sur President,

Qabel nagħlaq, irrid nagħmel punt dwar is-saltna tad-dritt. Fl-isfond ta' dawn in-negozjati kien hemm diskussjonijiet jaħarqu ferm dwar kundizzjonijiet marbuta mas-saltna tad-dritt biex Stati Membri jkollhom aċċess għall-fondi Ewropej. Pajjiżna kien minn ta' quddiem biex ippromwova dawn l-ideat.

Dan ukoll fl-isfond tar-riformi li qed jimbotta l-Gvern biex tissaħħaħ l-indipendenza tal-ġudikatura, l-infurzar u s-saltna tad-dritt kienu importanti ferm f'dawn in-negozjati, li nittama nsibu l-appoġġ tal-Oppożizzjoni bil-vot tagħha l-ġimgħa d-dieħla b'dawn ir-riformi li qed inressqu quddiem il-Kamra.

Biex nikkonkludi, ninsab sodisfatt li wrejna li kapaċi nikkonvinċu b'argumenti sodi sabiex ksibna pakkett ġust u li jagħmel ġieħ lill-pajjiżna. L-impenn tal-Gvern hu li issa dan l-investiment f'Malta u Għawdex jissarraf fi proġetti konkreti biex il-Maltin u l-Għawdxin igawdu minn din l-allokazzjoni.

Fl-aħħar nett nixtieq infakkar li biex wasalna hawn, ilu għaddej xogħol f'dawn l-aħħar sentejn. Għalhekk nixtieq nieħu din l-opportunità biex intenni l-grazzi lit-tim li kelli miegħi u lil dawk kollha li matul dawn ix-xhur ikkontribwew bil-ħidma tagħhom biex stajna flimkien niksbu dan is-suċċess għal pajjiżna.